# Il-Kappella tal-Besbiżija

## *Fejn Santa Marija u "ż-Żejfi" huma msawrin b'mod ħaj għal dejjem*

**Louis Vassallo**

Minn nofs is-seklu għoxrin `il quddiem, l- iżviluppi soċjali, teknoloġiċi, kummerċjali u politiċi daħħlu lill-Mosta f'era moderna u progressiva. F'dan it-tielet millenju din l-akbar parroċċa fil-gżejjer Maltin, kibret u żviluppat kemm fl-abitant kif ukoll fil-firxa ta` art mibnija. Minkejja t-tiġrib li s-seklu wieħed u għoxrin iġib miegħu, il-Mosta għadha tħaddan magħha l-kult nisrani. F'dawn iż-żminijiet moderni u kultant b'indifferenza lejn it-twemmin kattoliku, il-ħajja nisranija ghadha tinħass u tidher f'din il-lokalita` fiċ-ċentru ta' art twelidna. Jidher ċar li dak li xettlu l-antinati mostin għadu mħares u maħbub miċ-ċittadini jew il-parruċċani tas-snin elfejn, fejn għandu mnejn isib fihom ix-xewqa għal tiġdid fil-qawmien spiritwali tagħhom.

## Devozzjoni Marjana

Il-festa ta' l-Assunta, patruna glorjuża tal-Mosta li tiġi ċċelebrata b'solennita` kbira nhar il-15 ta' Awissu, kienet għall-Mostin ta` dari u dawk tal-lum, il-jum għażiż li fih ifakkru b'kult devot u b'festi esterni t-tlugħ ta' l-Omm t`Alla u Ommna lkoll, fis-sema bir-ruħ u l-ġisem. L-ikbar xhieda tul iż-żmien ta' l-imħabba u d-devozzjoni tal-Mostin lejn Santa Marija hi bla dubju ta' xejn ir-Rotunda ta` Grongnet. Dan is-Santwarju Marjan ħa mas-sebgħa u għoxrin sena sabiex inbena u hu meqjus bħala tempju monumentali magħruf mad-



*Il-mod li bih inġibed dan ir-ritratt partikulari, qed bi ħsieb li jiprova jurina l-kappella "Taż-Żejfi" li żminijiet imbegħda. Ferm 'il bogħod mit-traffiku tal-vetturi li jgħaddi ta' kuljum minn ma' ġenbha!*
**(Ritratt: Victor B. Caruana)**



dinja kollha fejn tinkoronah il-famuża koppla ġgantija ta' preġġju bla qies. Imma l-imhabba tal-Mostin lejn l-Assunta ma tkebbsitx mal-proġett tal-bini tar-Rotunda. Nafu li din id-devozzjoni Marjana tmur lura iżjed minn erba` mitt sena ilu. Biex wiehed japprezza bl-aħjar mod dan il-kult qaddis, irid l-ewwel ikun mgħarraf fuq in-nisġa tiegħu li tmur lura għal sekli sħaħ. Għalhekk hu tajjeb li ngħaddu lill-ġenerazzjoni l-ġdida l-għarfien tal-passat tal-ġens tagħna. U dan jirnexxielna mwettquh jekk insaħħu u nsostnu l-kordun twil li jorbot flimkien il-bieraħ, illum u għada.

## Daqqa t'għajn

F'din il-ħarsa għarriexa li flimkien qiegħin nagħtu lejn il-kappelli Mostin permezz ta' dan l-Anmwal, din id-darba se ngħatu daqqa t`għajn lil kappella ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema magħrufa bhala "taż-Żejfi". Din il-kappella kienet oriġinarjament mibnija fis-seklu sittax minn familja Mostija skond kif qalilna l-istoriku Ferres "Descrizione Storica Della Chiesa di Malta e Gozo" ippubblikata fl-1866. Din hi tweġiba utli biex biha nsostnu li d-devozzjoni lejn Santa Marija tmur lura qabel mal-Mosta saret parroċċa fl-1608. Sabiex inkunu korretti, ngħidu li fi żminijiet imbegħeda din il-kappella kienet taqa' fil-limiti ta' l-Imdina. Imma f' rapporti ta' viżti pastorali ta' xi isqfijiet din kienet magħduda mat-territorju parrokkjali tal-Mosta. Fi żminijietna l-kappella "Taż- Żejfi" tinsab f'post partikulari magħruf bħala "Il-Besbiżija" fil-ġenb ta' Triq Il-Missjunarji Maltin li fiha jinsab "Mount St. Joseph", f'Tarġa Gap. Il-faċċata tagħha tħares lejn Citta' Notabile, waqt li min-naħa l-oħra wieħed jista' jgawdi l-kampanja tal-madwar fejn fuq ix-xaqliba opposta ta' Wied Hanżira tidher ukoll il-kappella ta' San Pawl "Tal-Qlejgħa". Fuq kollox minn dawn l-inħawi, wieħed jista` ukoll jammira l-kobor u l-ġmiel li l-koppla tal-knisja tal-Mosta taf toffri.

## Il-Familja Camenzuli

Disa' xhur qabel mar-raħal tal-Mosta sar parroċċa, skond digriet maħruġ nhar il-5 ta' Diċembru 1607 mill-Vigarju Ġenerali Dr Dun Filippo Borg, ingħata l-permess biex id-Duttur GioMaria Camenzuli jibni l-kappella preżenti flok oħra li kien hemm qabilha. Dan ir-raġel magħruf bħala "ż-Żejfi", nhar il-11 ta' Awissu 1610 ħalla ġidu kollu għal din il-kappella. Mhux ta' b'xejn li l-laqam ta' dan il-benefattur ġeneruż twaħħad darba għal dejjem ma' din il-kappella ċkejkna. L-istoriku Stanley Fiorini fil-ktieb "Ex Annalibus Mustae" maħruġ mis-Soċjetà Filarmonika Santa Marija tal-Mosta fl-2005, jgħidilna li l-familja Camenzuli jidher li kienet ilha marbuta mal-Mosta mill-inqas sa mis-seklu ħmistax. Dan jidher mill-fatt li fil-listi tal-miliżżja tal-1419/ 1420 u tal-1425 jidhru żewġt irġiel b'dan il-kunjom. Fiorini jtarfilna ukoll li skond il-lista tal-milizzja tal-1419/1420, Nuzu Camenzuli kellu jipprovdi żiemel jew bagħal għas-servizz tal-għassa max-xtut tal-gżira.

## Il-Laqam

Dwar il-laqam "Zaifi" jew "Zeifi", l-istoriku Godfrey Wettinger fil-ktieb " Places- Names of the Maltese Islands ca. 1300-1800", ippubblikat fis-sena 2000 jagħti ħjiel mill-att notarili tan-Nutar G. Buttigieg ta' nhar l-20 ta` Frar 1539 fejn jagħmel riferenza għal għalqa fil-contrata tal-Għar, imma ma jagħtix il-post preċiż għal din il-proprjetà! Jgħid biss li setgħet kienet qrib Ħal Għargħur u li "Żajfi" kien xi xeħta ta' laqam. Fil-"Miklem Malti, IX" maħruġ fl-1989, E. Serracino Inglott hu aktar speċifiku meta jgħidilna li "Ta' Żejfi" hu l-isem ta' għolja fin-naħa tal-Mosta. Il- Professur Ġuże' Aquilina fil-ktieb tiegħu "Maltese- English Dictionary, II" ppubblikat fl-1990, itarfilna biċċa nformazzjoni oħra u jgħid li "Taż-Żejfi" hu l-isem ta' għelieqi u knisja bejn ix-xagħari "Ta' Depiro" u Wied Ħanżira fi truf il-Mosta.

## Iż-Żejfi u l-Assedju l-Kbir

F'dan l-isfond li semmejna b'ċertu dettal, ikun sewwa u xieraq li niffukaw aktar fuq Girolamo Camenzuli magħruf bħala "Żejfi", u dan l-istess laqam hu marbut fil-Mosta ma' kappella li nbniet flok oħra eqdem fl-1607 minn Camenzuli nnifsu. Ir-riċerka wasslet biex tiddendifika lil dan Girolamo Camenzuli bħala Mosti tassew u li kien suldat tal- Kavallerija Maltija fi żmien l-Assedju l-Kbir ta' l-1565. U li fuq kollox iddistingwa ruħu b'azzjoni ta' kuraġġ qawwi waqt li kien qed jaqdi dmiru għad-difiża ta' Malta. L-istorja ta' ġensna tgħidilna





*Il-prospettiva sempliċi imma fl-istess waqt delikata li fiha jispikka l-kopja tal-kwadru titulari fejn fih naraw lill-Madonna flimkien ma' San Anton Abbati u San Pawl Eremita'.*
**(Ritratt: bil-kortesija ta' Tony Terribile u Pubblikazzjonijiet Indipendenza- Pin)**

li fost il-membri Maltin tal- Kavallerija ta' l-Ordni li kienu stazzjonati fl-Imdina, kien hemm ċertu Girolamo Camenzuli, imlaqqam "Żejfi". Din il-persuna Mostija tissemma` b'isimha stess waqt waħda mill-battalji li l-forzi ta' l-Ordni kellhom mat-truppi Torok fil-viċinanza ta' l-Imdina. It-truppi Mostin li kienu jagħmlu sehem mill-miliżżja tal-cappella tan- Naxxar kienu taħt il-kmand tal-kaptan Fra Jean de Lugny. Dawn it-truppi nqassmu f' erba` gruppi biex joħolqu mossa militari kontra l-għadu. Jissemmew ukoll il-kaptan Fra Vincenzo Anastagi u l- kaptan Salazar li dan ta' l-aħħar kien wasal Malta biex ikun xhud tas-sitwazzjoni li kienet qiegħda sseħħ ta' kuljum madwar il-kampanja Maltija. Għalhekk dawn l-aktar rikkieba kapaċi ippruvaw jerħula lejn is-swar ta' l- Imdina, wara li kienu sabu ruħhom f'diffikulta. Hin bla waqt ġew attakkati mit-Torok li ħassduhom ħabta u sabta fejn il-Kavallerija Maltija tilfet xi nies minn tagħha. Minħabba l-intervent pront u kuraġġuż tas-suldat Girolamo Camenzuli, il-kaptan Salazar ħelisha minn mewta ċerta. Kien il-11 ta' Awissu 1565. Dan l-epesodju drammatiku mislut mill-istorja ta' art twelidna jurina ukoll li dan kien waqt diffiċli għall-Maltin kollha, fejn ir-raħħala Mostin taw is-sehem utli, qalbieni u patrijottiku tagħhom. Tant hu hekk li l-aħħar battalja ta' l-Assedju l-kbir ġiet miġġielda sider ma sider fil-limiti tal-Mosta u li fiha r-raħal kollu kien involut f'din il-manuvra militari.

## Ġawhra Mostija

Wasal il-waqt li wara li dorna dawra ma dak li Camenzuli wettaq b'imħabba u b'suċċess kemm fis-sehem li ta fir-rebħa tal-Maltin fuq it-Torok u kif ukoll li fuq xewqtu stess u bi flusu, bena l-kappella f'ġieħ l-Assunta u ħabrek biex wara mewtu tibqa` tiġi kkurata, issa imiss il-mument li fil-ħsieb tagħna nżuru din il-ġawrha Mostija. Meta wieħed jixref mill-bieb 'il ġewwa isib l-isbaħ eżempju ta' knisja ta' dawk iż-żminijiet, jiġifieri b'saqaf ċatt li qed iserraħ fuq il-ħnejjiet. L-artal ewlieni jinsab imwennes fi prospettiva sempliċi imma fl-istess waqt delikata u kumplimentari. Il-kwadru titulari għandu d-dehra ta' Marija li fuq kull naħa tagħha naraw żewġ eremiti li huma San Anton Abbati u San Pawl Eremita. Il-Madonna hi ppreżentata taħt it-titlu ta' l-Assunta u madwarha nilħmu għadd ta' anġli. Din il-pittura hi kopja ta' l-oriġinali li kienet insterqet f'Diċembru 1998, għax meta l-kwadru oriġinali nstab, dan sab postu f'wahda mis-sagristijiet tar-Rotunda

sabiex ikun imħares aħjar. Tajjeb li ngħidu li ż-żewġ qaddisin imsemmija u li jinsabu biswit il-Madonna, minn dejjem kellhom devozzjoni qawwija tant li żewġ kappelli oħra li nsibu fil-Mosta huma ddedikati lilhom. L-art tal-kappella ta' Santa Marija "Taż-Zejfi" hija ċċangata bil-madum iddisinjat u kkulurit.

## Restawr

Il-mibki iżda żgur qatt minsi, Mons. Dun Salv Magro kien irrestawra dil il-kappella meta kien il-prokuratur tagħha, fejn baqgħet wisq għażiżha għalih sa ma għadda għall-ħajja ta' dejjem nhar il-31 ta' Diċembru 2007. Fl-1987, Mons. Dun Salv Magro ħabrek biex isir xogħol ta' restawr u rsista sabiex ipoġġi statwa tal-Madonna fil-kampnar umli li hemm fuq il-faċċata tagħha. Matul is-sena, is-Sagrisan tal- Parroċċa s-Sur Charlie Schembri jieħu ħsieb il-manutenzjoni ta' din il-kappella. Sa ftit tas-snin ilu, l-festa tagħha kienet issir Ħadd qabel il-15 t'Awissu fejn kienet tiġi ċċelebrata quddiesa speċjali f'gieħ Marija Santissima Mtellgħa s-Sema fid-9 ta' filgħodu. Għalkemm din il-kappella m'għandiex l-armar kollu komplut, xorta waħda kienet tiġi armata bl-aħjar mod possibbli sabiex nhar il-festa tagħha, tkun tista' tiġbed lid-devoti u l-viżitaturi bi ħlewwa liema bħala!

## Nostalġija

Fil-ktieb "Il-Mosta, il-Mostin u r-Rotunda tagħhom matul iż-żminijiet" ta' George Cassar u Joseph G.M Borg maħruġ mill-Kunsill Lokali tal-Mosta fl-2007, niltaqgħu ma' ritratt partikulari miġbud mill-fotografu Victor B. Caruana. Dan ir-ritratt ġie irtukkat sabiex jurina jew jipprova jagħtina ħjiel kif kienet il-forma tagħha qabel żdidilha l-kampnar, kif kienet id-drawwa arkitettonika fi żmien bikri. Nafu wkoll li biswit il-kappella kien hemm ċimiterju żgħir. Iż-żmien gerbeb u ħarab u ġera kemm ried hu, għax ma stenna lil ħadd! Imma għall-grazzja t'Alla, il-kappella ta' Santa Marija "taż-Żejfi" li minn truf il-Mosta twasslek lejn ir-Rabat, l-Imġarr jew San Pawl il-Baħar, b'għożża u nostalġija għadha magħna biex tfakkarna, aħna l-ulied tal-progress u l-informatika dwar il-Mosta ta' darba waħda. Fejn il-merħliet bil-mogħoż u l-karrettuni biż-żwiemel u l-ħmir kienu jgħaddu jpassu bla għaġġla ta' xejn!



*Il-kappella ta' Santa Marija "Taż-Zejfi" fil-ġenb ta' Triq il-Missjunarji Maltin, waqt li kemmxejn 'il bogħod wieħed jista' jammira l-kobor u l-ġmiel tar-Rotunda ta' Grognet.*

**(Ritratt: Victor B. Caruana)**



## Il-Karattru Mosti

Imma illum, il-kwiet u l-ħemda ta' żmien l-imgħoddi ilhom li ġew fgati mill-mijiet ta' vetturi li jgħaddu bħal żiffa minn ma' ġenb din il-kappella li tiftakar erba' sekli! Hawn min jistqarr li dari aktar minn żminijietna, it-toroq dojoq u mserrpa tal-qalba tal-Mosta kienu l-isfond ta' ħajjiet l-antinati tagħna. Terġa' u tgħid, il-kappella ta' Santa Marija "taż-Żejfi" għanda rabta ntima mal-lokalita` tal-Mosta għax toħroġ fil-beraħ kif sa ftit snin wara t-tieni Gwerra Dinija, kienet għadha toffrilna kwadret trankwil kemm fil-mogħdijiet li jserrpu fil-widien, fid-dwar tagħhom u fl-imsieraħ spazzjużi. Fuq kollox, it-tradizzjonijiet u ċ-ċelebrazzjonijiet festivi li jsiru ta' kull sena f'għieħ il-patruna ta' din il-parroċċa, kienu u għadhom il-qofol tal-karattru Mosti. U huma dawn id-drawwiet reliġjużi, soċjali u folkloristiċi tagħna li jagħmluna nazzjon li jingħaraf minn ġnus oħra. Wara kollox, il-kultura lokali hija l-pern li fuqu jissawwar il-wirt nazzjonali tagħna. Għal dawn l-aħħar tnax –il sena, il-kappella ta' l-Assunzjoni ta' Marija, "taż-Żejfi" qegħdha biex ngħidu hekk tissieħeb b'mod sħiħ matul il-jiem u l-iljieli festivi li jiġu ċċelebrati b'solennita' kbira f'għieħ Santa Marija! Dan, għax mill-ħsara ta' biswitha sa' mill-1997, l-għaqdiet pirotekniċi Mostin qegħdin jaħarqu l-murtali u l-kaxxi nfernali, li bl-ilwien imżewqa tagħhom f'sema sajfi, bħal donnhom isellmu lill-Assunta.

## Triq għaż-"Żejfi"

Kif rajna flimkien f'din il-kitba, din il-kappella "tal-Besbisija" li tinsab fi triq tassew traffikuża qrib id-Dar ta' l-Irtiri tal-Ġiżwiti, hi marbuta ħaġa waħda ma' familja mill-Mosta, fejn id-Duttur Ġamri Camenzuli kien il-benefattur tagħha.Rajna ukoll li dan ir-raġel ġeneruż magħruf bħala "ż-Żejfi", kien Mosti tassew fejn kien membru attiv fil-Kavallerija ta' l-Ordni. Ir-riċerka ta' l-Istoriċi li kitbu l-istorja mqallba u eċitanti ta' ġensna, writnha li għallinqas nafu b'raġel wieħed b'ismu, b' kunjomu u bil-laqam ukoll li kien mill-Mosta u li ta s-sehem tiegħu fl-Assedju l-Kbir. Barra min hekk nafu li b'sogru għal ħajtu stess, wettaq att kuraġġjuż li bih salva lill-kaptan ta' l-ordni minn ħalq il-mewt. Hu veru li f'din il-lokalita' jinsab il-mafkar tal-bronż f'għieħ il-Qalbiena Mostin. Imma naħsbu li tkun idea tajba jekk il-Kunsill Lokali jogħġbu isemmi triq għal dan il-patrijott Mosti, biex ismu ma jisfax minsi u nieqes mill-għieħ li jistħoqqlu! B'hekk isem din it-triq tibqa' tfakkar lill-Mostin tal-millenju l-ġdid, f'min iġġieled bi qlubija għal Malta tagħna u kif b'imħabbtu u b'ġidu kollu irsista sabiex jibni kappella f'għieħ Santa Marija u jżommha fl-aqwa kundizzjoni possibli. M'hiex ħaġa diffiċli biex wieħed jifhem kif Santa Marija u "ż-Żejfi" huma msawwrin flimkien b'mod ħaj għal dejjem, permezz ta' din il-kappella Mostija!

***Riferenzi***


1. George Cassar- Joseph G.M Borg "Il-Mosta, il-Maltin u r-Rotunda tagħhom matul iż-żminijiet" (Malta 2007) paġni 57-58, 84-85
2. Alfie Guilbumier- Bliet u Rħula Maltin (Malta 1972) paġna 271
3. Il-Mosta Ħarġa Nru.6 (Vol. II) 2008 paġna 68
4. Direttorju Parrokkjali- Mosta 2006 paġna 22
5. Mario Fenech "Il-Kappella ta' Santa Marija taż-Żejfi" Annwal 2002 maħruġ mis-Soċjeta' Filarmonika Nicolo' Isouard- Mosta paġni 182-183
6. Louis Vassallo "L-inħawi tal-Minġiba" Annwal 2001 maħruġ mis-Soċjeta' Filarmonika Nicolo' Isourd paġni 189-191
7. Goerge Cassar (editur) "Ex Annalibus Mustae"- Soċjeta Filarmonika Santa Marija (Malta 2005) paġni 65 u 71



**Mosta F.C. Youth Nursery Snack Bar**

*Għal drinks ġenwini f'atmosfera familjari*
*Inservu Apetizers mad-drinks u naċċettaw Ikliet*

***Football Taljan u Ingliż dirett fuq Big Screen***

Manwella Street, Mosta Tel: 2141 0786 Mob: 99446602, 99495790, 79495790